MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 504/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Borg talli fil-kwalita` tieghu ta’ direttur tas-socjeta` I.C.C. Limited (C7199) b’ufficcju registrat 4 V. Dimech Street, Floriana u/jew bhala wahda mill-persuni nkarigati li thallas dak li hu dovut lill-impjegati tas-socjeta` fuq imsemmija, naqas li jhallas il-pagi kollha dovuti lill-ex impjegati tas-socjeta` hawn fuq imsemmija skond il-prospett anness fit-tmiem tal-impjieg taghhom fis-somma globali ta’ Lm8,141.30.

Il-Qorti giet mitluba li tordna lill-imsemmi John Borg ihallas lill-persuni ndikati l-ammont imsemmi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Dicembru 2007 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 5, 15 u 45 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi John Borg hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ mitt lira Maltin (Lm100) u ordnat ukoll li sa zmien xahar mid-data tas-sentenza appellata huwa jhallas is-somma ta’ Lm8,141.30 lill-ex impjegati tieghu skond il-prospett mmarkat bhala Dok AD1;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi John Borg pprezentat fit-28 ta’ Dicembru 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi ssibu mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija ;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti baqghet bl-impressjoni li huwa kien ghamel biss tentattiv izolat biex isalva hobz il-haddiema meta jirrizulta mill-provi li kienu biss wahdiet minn dawk il-haddiema li ghazlu li ma jihdux l-opportunita` ta’ kontinwita` fis-servizz bl-istess kundizzjonijiet ta’ impjieg li kienet qieghda toffri s-socjeta` Farrugia Textiles, li effettivament jista’ jinghad li ssuccediet lis-socjeta` ICC Ltd, tant li gie trasferit ghal fuqha l-inkwilinat tal-fabbrika f’San Gwann; (2) li huwa agixxa bhala *bonus paterfamilias* u dan ma kienx kaz ta’ gheluq ta’ fabbrika minhabba xi mala fede jew negligenza da parte ta’ min kien qieghed imexxiha, u jirrizulta li huwa “ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jimpedixxi l-ghemil tar-reat” (art. 46 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta); (3) li, galadarba kien hemm kontinwita` fis-servizz li kienu qed jaghtu l-haddiema, is-

socjeta` ICC Ltd ma kinitx obbligata thallas in-*notice money*; (4) li, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-piena hija esagerata u sproporzjonata fic-cirkostanzi.

Mill-provi jirrizulta illi, kuntrarjament ghal dak li qieghed jinghad fl-ewwel aggravju, is-socjeta` Farrugia Textiles ma ssuccedietx lis-socjeta` ICC Ltd u lanqas ma hadet l-inkwilinat tal-fabbrika mnejn kienet topera s-socjeta` ICC Ltd. Dak li ghamlet is-socjeta` Farrugia Textiles, ossia kif intqal mix-xiehda, is-socjeta` GWB Innovations, kienet li hadet il-haddiema tas-socjeta` ICC Ltd, kif xehed Vincent Farrugia, bl-istess kondizzjonijiet li kellhom mas-socjeta` ICC Ltd.

Issa, hu dispost fl-Artikolu 38 (1) ta’ l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali illi “meta negozju jew azjenda ohra jittiehed il-kontroll taghhom, ghal kollox jew f’parti, minn persuna (hawnhekk izjed ‘il quddiem f’dan l-artikolu msejha ‘il-persuna li lilha jigi trasferit in-negozju’) minghand principal (hawnhekk izjed ‘il quddiem f’dan l-artikolu msejjah ‘min jitrasferixxi’), kull impjegat fl-impjieg ta’ min jitrasferixxi fid-data tat-trasferiment tan-negozju ghandu jitqies li jkun fl-impjieg tal-persuna li lilha jigi trasferit in-negozju u l-persuna li lilha jigi trasferit in-negozju ghandha tassumi d-drittijiet u l-obbligi kollha li min jitrasferixxi ghandu rigward l-impjegat”;

Fir-regolament 2 ta’ l-Avviz Legali 433 ta’ l-2002, “trasferiment” huwa mfisser bhala “trasferiment ta’ azjenda li zzomm l-identità taghha bhala grupp organizzat ta’ rizorsi li ghandu l-objettiv li jsegwi attività ekonomika”. Jinghad, imbaghad, fir-Regolament 3 (1) (a) ta’ l-istess Avviz Legali, illi l-precitat artikolu ta’ l-Att principali jghodd “ghal kull trasferiment ta’ azjenda, negozju, jew parti minn azjenda jew negozju lil principal iehor b’rizultat ta’ trasferiment jew fuzjoni legali”. Jissokta jinghad fil-proviso ta’ dan l-istess Regolament 3 (1) (a), “izda jkun hemm trasferiment skond dan ir-regolament kull meta jkun hemm trasferiment ta’ enti ekonomika li tibqa’ zzomm l-identita` taghha, bl-objettiv li ssegwi attivita` ekonomika”.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Norma Abela vs. Pater Holding Company Ltd. et** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Civili (Inferjuri) fit-30 ta' April 2008, dik il-Qorti qalet hekk dwar dawn id-disposizzjonijiet:

**"Mill-interpretazzjoni taghha ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi, il-Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:- (1) L-ewwelnett, il-presuppost ghall-iskattar ta' l-Artikolu 38 tal-Kapitolu 452 ghaf-favur ta' l-impjegat hu dak li hu jkun assunt mill-kumpanija cedenti f'mument anterjuri ghat-trasferiment, b'mod li, allura, bhal successur fit-titolarita` ta' l-azjenda jew tan-negozju, ic-cessjonarju jsir il-principal gdid tieghu. Ifisser, ukoll, illi fis-successjoni ta' dan ir-rapport tax-xoghol c-cessjonarju subentranti jidhol fil-posizzjoni guridika shiha, attiva u passiva, *vis-à-vis* l-impjegat; (2) In-negozju, ikkonsidrat fl-individwalita` awtonoma tieghu, jitlob il-konkors ta' zewg objettivi principali. Il-wiehed, oggettiv, rapprezentat mill-kontinwita` tan-negozju jew attivita` bhala entita` ekonomiku. L-iehor, soggettiv, konsistenti fis-sostituzzjoni ta' l-imprenditur li kien imexxi dak in-negozju jew attivita`; (3) It-"trasferiment" a sensu tar-regolament imsemmi jirrikorri f'dik l-ipotesi fejn l-attivita` objettiva tan-negozju tibqa' immutata, b'dan li ghandek it-tibdil tat-titolari. Jimplika wkoll, b'konsegwenza, illi dak in-negozju ser jissokta jigi prosegwit mit-titolari l-gdid."**

Fil-kaz odjern kien hemm it-trasferiment tal-maggoranza tal-haddiema lil GWB Innovations izda ma kienx hemm "kontinwita` tan-negozju jew attivita` bhala entita` ekonomiku". Difatti fil-mument illi gew trasferiti l-haddiema lanqas ma jirrizulta li kellha xoghol is-socjeta` ICC Ltd. Ghalkemm Vincent Farrugia xehed illi lill-haddiema hadhom bl-istess *seniority* u allura jekk jitilqu minn mieghu n-*notice* tinhadem skond meta gew impjegati mas-socjeta` ICC Ltd. din kienet tkun il-posizzjoni li kieku sar trasferiment tan-negozju, izda galadarba dan ma sehhx, allura s-socjeta` GWB Innovations ma kellha u ma ghandha l-ebda obbligu li tikkalkola n-*notice* b'dan il-mod

izda ghandha tikkalkulah b'effett mid-data ta' l-impjieg tal-haddiema ta' l-ICC Ltd. maghha.

Permezz tat-tieni aggravju, l-appellant jghid li huwa agixxa bhala *bonus paterfamilias* u dan ma kienx kaz ta' gheluq ta' fabbrika minhabba xi mala fede jew negligenza da parte ta' min kien qieghed imexxiha, u jirrizulta li huwa "ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jimpedixxi l-ghemil tar-reat".

L-artikolu 46 tal-Kap. 452 jiddisponi hekk:

**"Meta reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti jew ordnijiet maghmula bis-sahha tieghu jsir minn socjetà, kumpannija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni, kull persuna li fiz-zmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew ufficjal iehor bhal dawk ta' dik is-socjetà, kumpannija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni jew kienet tidher li qed tagixxi f'xi kariga tali titqies li tkun hatja ta' dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar minghajr it-taghrif taghha u li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat."**

Dan l-artikolu jipprovdi ghall-ezenzjoni mir-responsabbilta` jekk id-direttur, ecc. ta' kumpanija jipprova (1) li reat ikun sar minghajr it-taghrif tieghu u (2) li kien ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jimpedixxi l-ghemil tar-reat. M'hemmx dubju li l-appellant uza d-diligenza necessarja sabiex il-haddiema tieghu jigu provduti xoghol alternattiv. Pero` ma jistax jinghad li ma kienx jaf li ma thallasx in-*notice*. Difatti l-kontenzjoni tieghu hi li ma ghandux ihallas tan-*notice* peress illi l-haddiema tieghu hadu *continuity of service* ma' GWB Innovations.

Bhalma diga` gie sottolineat, ghalkemm il-maggoranza tal-haddiema marru jahdmu mal-GWB Innovations, ma kienx hemm trasferiment ta' negozju. Kwindi n-*notice* hu dovut mis-socjeta` ICC Ltd.

Kwantu ghall-piena, jirizulta li l-multa nflitta hi fil-minimu stabbilit mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi tirrevokaha in kwantu ordnat li l-hlas ghandu jsir sa zmien xahar u minflok tordna l l-hlas ghandu jsir sa zmien tliet xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------